**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, it-Tlieta, tmienja (8) ta' Ottubru 2024

Kawża Nru 413/2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

vs

**Sam Anthony Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża miġjuba kontra **Sam Anthony Cauchi**, iben Carmel u Joan nee Bonello, imwieled fil-ħamsa (5) ta' Mejju 1980 fil-Kanada u residenti fil-fond "Nightwish", Triq Papa Ljun XIII, Nadur, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 21081(A) talli fil-ħmistax (15) ta' Ottubru 2021 għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħodu (08:30hrs) waqt li kien ġewwa l-fond numru 54, Triq il-Knisja, Nadur, Għawdex u fil-ġranet ta' qabel:

(1) ittrasferixxa jew iddispona minn xi għasfur li mhux tat-territorju Ewropew li ġie dikjarat permezz ta' applikazzjoni mal-Awtorita għall-Ambjent u r-Rizorsi jew il-predeċessur tagħha sal-wieħed u tletin (31) ta' Mejju 2003, mingħjar awtorizzazzjoni bil-miktub mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.[1]

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Ġunju 2024, il-Prosekuzzjoni u d-Difiża eżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' x-xhieda prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jerġgħu jiġu sottomessi d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura inkluż wkoll ix-xhieda li iddeponew quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li iddeponew quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

[1] Regolament 21(10) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti ta’ dan il-każ huma brevement is-segwenti: nhar il-ħmistax (15) ta’ Ottubru 2021 saret spezzjoni mir-rappreżentanti tal-ERA u tal-WBRU fid-dar ta’ residenza ta’ Carmel Cauchi sabiex jiġu verifikati u issir ir-rikonċiljazzjoni tat-tjur li Carmel Cauchi kellu reġistrati fuq ismu. Tul din l-ispezzjoni irriżulta li kien hemm xi tjur li kienu reġistrat fuq isem Sam Anthony Cauchi, minkejja li dawn kienu propjeta ta’ Carmel Cauchi. Sam Anthony Cauchi għalhekk intalab sabiex imur fir-residenza ta’ missieru sabiex il-verifika u r-rikonċiljazzjoni tal-istess tkun tista’ issir fil-presenza ta’ Sam Anthony Cauchi.

Tul din l-ispezzjoni rriżulta li xi tjur minn dawk li kienu reġistrat fuq isem l-akkużat ma instabx. L-Uffiċjali tal-Pulizija u dawk mill-ERA u WBRU ġew infurmati li dawn l-ispeċi kienu qegħdin jinżammu f’garaxx sal-2008. Il-garaxx pero kien twaqqa’ sabiex inbniet residenza u t-tjur kienu ġew mormija. Peress li mill-verifiki li saru irriżulta li ma kienet intalbet l-ebda awtorizzazzjoni għal tali rimi, il-Pulizija ipproċediet kriminalment kontra l-akkużat.

Ikkunsidrat:

Sabiex tinstab ħtija fl-akkużat fl-akkuża hekk kif formulata, il-Prosekuzzjoni kienet taħt l-obbligu li tipprova s-segwenti:

(a) li l-akkużat kellu reġistrati fuq ismu it-tjur li kienu ġew dikjarati fl-amnestiji li kienu ingħataw;

(b) Li huwa iddispona minn dawn it-tjur mingħajr awtorizzazzjoni;

(c) u li tali disposizzjoni saret fil-ħmistax (15) ta' Ottubru 2021 jew fil-ġranet ta' qabel.

Il-Qorti eżaminat fid-dettal l-atti u issib lil dan il-każ ifalli fuq diversi binarji:

(1) l-akkuża hija formulata fis-sens li l-akkużat iddispona mit-tjur **fil-ġurnata tal-ħmistax (15) ta' Ottubru 2021 jew fil-ġranet ta' qabel**. Mill-provi irriżulta li fil-ħmistax (15) ta' Ottubru 2021 kienet saret biss l-ispezzjoni minn uffiċjali tal-Awtoritajiet responsabbli fejn ġie stabbilit li t-tjur dikjarati fl-amnestija ma kinux instab kollha. L-akkuża tindika wkoll li l-akkużat iddispona minn dawn it-tjur li ma instabux **fil-ġranet ta' qabel il-ħmistax (15) ta' Ottubru 2021**. Mill-investigazzjonijiet li saru tul l-ispezzjoni – u dan hekk kif joħroġ mix-xhieda ta' PS 661 Christian Grech[2] u mix-xhieda ta' Maria Attard[3] – it-tjur li ma instabux kienu qegħdin jinżammu f'garaxx. Dan il-garaxx kien twaqqa' fl-2008 biex inbniet ir-residenza tal-akkużat u t-tajr kellu jiġi mormi. Jiġifieri għalhekk l-allegat nuqqas, jekk seħħ, seħħ fis-sena 2008 jew possibilment fiż-żmien immedjatament wara u mhux tlettax

[2] Fol. 11 – 12 tal-proċess.
[3] Fol. 16 tal-proċess.

(13) -il sena wara. Dan assolutament mhux rifless fl-akkuża kif formulata. Dan iwassal għalhekk li anke jekk ma kienx hemm l-awtorizzazzjoni rikjesta mil-liġi, l-akkuża ma tistax tirriżulta għaliex mhux qed tindika l-parametri taż-żmien korretti meta effettivament sar d-disponiment tat-tjur mingħajr id-debiti permessi.

F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Nicole Anne Testa***[4] fejn ingħad:

> *"Illi s-subartikolu (2) tal-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: "Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw……"*
>
> *Illi fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs John Mary Briffa****, fejn l-appellant f'dik il-kawża ġie akkużat b'reati li allegatament seħħew "għall-ħabta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw inċident li seħħ "għall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li: "L-imputazzjoni għalhekk*

[4] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017

*kif impostata qed tirreferi għal xi ħaġa li allegatament ġrat tnax-il siegħa wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant ħati. Mill-provi ma jirriżultax li ġara xi inċident fil-ħin indikat fl-imputazzjoni u għalhekk l-appellant ma setax jinstab ħati kif fil-fatt insab. Il-frażi "għall-ħabta ta' tindika ħin approssimattiv u tinkludi ħin viċin dak imsemmi fl-imputazzjoni iżda żgur mhux tnax -il siegħa wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien żball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tieħu ħsieb tagħmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"*

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Zammit et*** deċiża fit-tnax (12) ta' Diċembru 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) rriteniet li:

*"dan l-istess prinċipju ġie riaffermat minn din l-istess Qorti f'diversi kawżi oħra inkluż dawk fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Warren Piscopo*** *u* ***Il-Pulizija vs Rita Thuema****, it-tnejn deċiżi fid-19 ta' Ottubru 2011.* ***Dan għaliex il-Qorti qatt ma tista' issib ħtija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun seħħ fi żmien ieħor u mhux dak indikat fl-akkuża, ċirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-***

***<u>każ imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni</u>**. Dan għaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif għandha tiġi redatta ċ-ċitazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet meħtieġa sabiex il-persuna imħarrka tkun tista' thejji d-difiża tagħha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik iċ-ċitazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu ġew indikati ħażin, allura l-binarji tal-azzjoni ma jkunux ġew definiti jew ikunu ġew definiti ħażin."*

Fil-każ in diżamina d-differenza fil-perijodu ma kinitx dik ta' ftit sigħat iżda snin; u allura abbażi tal-pronuċjament fuq ikkwotati din il-Qorti ma tista' qatt tasal biex issib ħtija fl-akkużat għall-akkuża kif formulata.

(2) It-tieni binarju li fuqu jfalli l-każ tal-Prosekuzzjoni huwa l-identita tal-akkużat. Fid-dokument MA 1 a fol. 17 tal-proċess hemm riferenza li l-applikazzjoni għaż-żamma tal-għasafar saret minn ċertu Sam Anthony Cauchi detentur tal-karta tal-identita numru 182296(M).[5] Fl-akkużi pero l-karta tal-identita tal-akkużat hija indikata bħala 21081(A) li hija differenti minn dik indikata fid-Dokument MA 1. Richard Lia, xhud tad-difiża,spjega kemm huwa importanti li meta tkun qed tiġi proċessata talba ta' disponiment

[5] Anke l-istess mandat ta' arrest ħareġ bir-riferenza tal-karta tal-identita numru 182296(M) u mhux dik indikata fl-akkuża.

jew trasferiment jiġu verifikati d-dettalji partikolarment in-numru tal-karta tal-identita biex tiġi stabbilita l-identita tal-persuna. Fix-xhieda tiegħu infatti jistqarr:

> *"Mela ġa ladarba individwu issottometta din l-applikazzjoni, talba għal disponiment jew trasferiment, dak il-ħin stess tiġi ittimbrata l-applikazzjoni,* ***wara li jkun ġew iċċekkjati ovvjament id-dettalji, l-individwu speċjalment, l-ID card ta' dak li jkun****, ħalli għallinqas id-dettalji personali jkunu korretti u tidħol fis-sistema ta' filing u tistenna l-proċess sakemm (tiġi) jibda l-proċess ta' identifikazzjoni tassanomika, u l-proċess li minnu imbagħad iwassal għall-awtorizzazzjoni bil-miktub."*[6]

Il-Qorti ma tistax tassumi li ż-żewġ karti tal-identita qegħdin jirreferu għall-istess akkużat odjern. Kien l-obbligu tal-Prosekuzzjoni – aktar u aktar meta jidher li n-numru tal-karta tal-identita huwa fundamentali għall-eżerċizzju ta' identifikazzjoni fejn jidħlu talbiet ta' disponiment jew trasferiment – li tipprova li n-numru tal-karta tal-identita numru 21081(A) kien qed jirreferi għall-istess individwu li għamel l-applikazzjoni fi żmien li kien hemm l-amnestija u li indika n-numru tal-karta tal-identita tiegħu bħala 182296(M). Din il-prova l-

[6] Fol. 107

Prosekuzzjoni ma ġabithiex. Lanqas ma saret il-prova l-konnotati l-oħra li jissemmew fl-akkużi jirreferu għall-istess Sam Anthony Cauchi li kien mela l-formola fl-2003.

(3) Anke jekk għall-grazzja tal-argument wieħed kellu jqis li l-akkużat kien l-istess persuna li mela l-formola Dokument MA 1 għaliex l-istess akkużat għaraf il-firma u l-kitba tiegħu fuq l-istess dokumenti meta irreġistra t-tjur,[7] jibqa' d-dubju dwar jekk verament kinux idaħħlu applikazzjonijiet sabiex huwa jiddisponi mit-tjur. Dan għaliex minn eżami tal-provi prodotti jidher li l-verifiki saru biss fuq il-karta tal-identita numru 182296(M); ma jidhirx li saru verifiki fuq il-karta tal-identita numru 21081(A). Allura ma jistax jingħad b'ċertezza li ma kienx hemm applikazzjonijiet biex it-tjur jiġu mormija: jista' jkun il-każ li saru dawn l-applikazzjonijiet fuq il-karta tal-identita numru 21081(A) u dawn ma telgħux għaliex it-tfittxija ma saritx fuq dan l-istess numru tal-karta tal-identita.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti ma tistax tasal sabiex issib ħtija fl-akkuzat għall-akkuża li qed tiġi addebitata lilu.

[7] Ara xhieda ta' Thomas Borg a fol. 89 et seq tal-proċess u ta' Casey Sciberras Grech a fol. 49 et seq tal-proċess.

Il-Qorti għalhekk ma tarax li hemm il-ħtieġa li hija toqgħod tinoltra ruħha u tikkunsidra linji difensjonali oħrajn sollevati mid-difiża fosthom l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti **mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati** tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft) Dr. Jean Paul Grech

Maġistrat

(ft) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Ghar-Reġistratur